# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 26 ta' Jannar 2018**

**Numru 14**
**Citazzjoni numru 616/99 LSO**

**Emily Stivala, Dr. Humbert Grech u Yolanda Cauchi lkoll bhala l-eredi tal-mejjet Joseph Grech u b'digriet tal-15 ta' Mejju 2002 il-gudizzju gie trasfuz fil-persuna ta' Salvatore Cauchi wara l-mewt ta' martu l-attrici Yolanda Cauchi, u b'digriet tal-10 ta' Mejju 2006 l-atti tal-kawza ghaddew fil-persuna ta' Norman, Marilyn, Tanya Cassar, Paul, Rita Vella u Frederick, ahwa Stivala, werrieta tal-istess Emily Stivala li mietet fil-mori tal-kawza; u b'digriet iehor tal-10 ta' Mejju 2006, l-atti tal-kawza, kwantu jolqtu l-interessi ta' Yolanda Cauchi, ghaddew fil-persuna tar-rikorrent Humbert Grech, wara l-mewt ta' Salvatore Cauchi fil-mori tal-kawza.**

**v.**

**Paula Pace**

**Il-Qorti:**

<u>Preliminari</u>

1. Dan huwa appell ad istanza tal-atturi mis-sentenza [appellata] moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili [l-ewwel Qorti] fil-15 ta'

Ottubru 2013, li permezz taghha dik il-Qorti filwaqt illi laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, cahdet it-talbiet attrici in kwantu huma infondati fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjeż kontra l-atturi.

Mertu

2. L-atturi jikkontendu illi huma lkoll l-eredi tal-mejjet Joseph Grech skont testment datat 13 ta' Jannar 1999 in atti tan-Nutar Marco Farrugia, u fethu din il-kawza biex jimpunjaw kuntratt ta' bejgh tal-fond tad-*decuius* gewwa 75, 'Gloxinia' Triq Brared, Birkirkara, lill-konvenuta b'korrispettv ta' vitalizzju, liema kuntratt gie ppublikat fil-5 ta' Novembru 1998 fl-atti tan-Nutar Dottor John Hayman. L-atturi jsostnu illi, filwaqt li l-kunsens tal-imsemmi Joseph Grech fuq il-kuntratt *de quo* kien vizzjat bi frodi u qerq perpetrat mill-konvenuta, l-istess kuntratt huwa wkoll null peress li, mehud kont il-fatturi tal-eta` u sahha ta' Joseph Grech, il-valur reali tal-fond u l-ammont li hallset il-konvenuta, jonqos il-kwezit aleatorju li huwa element essenzjali ghall-validita` ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' renditu vitalizzju.

3. Fic-Citazzjoni minnhom ipprezentata, l-atturi talbu lill-ewwel Qorti:-

> "1. Tiddikjara li l-kunsens ta' Joseph Grech ghal 'l fuq imsemmi kuntratt gie korpit bi frodi u qerq perpetrat ghad-dannu tal-istess Joseph Grech u l-atturi bhala l-eredi tieghu mill-konvenuti u ghalhekk vizzjat;

> “2. Tiddikjara li l-kuntratt fuq imsemmi jiddifetta mill- 'causa' essenzjali ghan-natura u validita` tieghu u dan billi mhux alleatorju ghall-konvenuta;
>
> “3. Tiddikjara irrita u nulla konsegwentement u *in vista* tal-premess, il-kuntratt ta` vitalizju tal-5 ta' Novembru 1998.
>
> “4. Tikkundanna lill-konvenuti jersqu ghall-att rexissorju relattiv li ghandu jigi ppublikat min-nutar mill-istess Qorti nominat f’dik il-gurnata hin u lok li tigi ffissata minn din il-Qorti u tinnomina kuraturi biex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att”.

4. Il-konvenuta kkontestat it-talbiet attrici billi eccepiet, in linea preliminari, li l-atturi jridu jipprovaw it-titolu taghhom *qua* eredi stante li minn ezami tat-testment imsemmi mill-atturi, m’humiex nominati bhala eredi. Fil-mertu, laqghet ghall-azzjoni attrici billi sostniet illi l-kunsens ta’ Joseph Grech fuq il-kuntratt *de quo* ma kienx karpit bi frodi u li l-istess kuntratt sar b’mod regolari u skont il-ligi. Skont il-konvenuta, id-*decuius* kien mentalment kapaci li jaghmel atti civili, tant illi kienet giet iffirmata skrittura preliminari bejn il-kontraenti fis-27 ta’ Settembru 1998, oltre li ghamel testment fl-istess epoka li fuqu qed jibbazaw it-titolu taghhom l-atturi.

<u>Is-Sentenza Appellata</u>

5. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha li tichad it-talbiet attrici billi ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet li, ghall-ahjar intendiment ta’ dan l-appell, qeghdin jigu riprodotti fl-intier taghhom:-

> “B'din il-kawza l-atturi qed jitolbu l-annullament tal-kuntratt tal-5 ta' Novembru 1998 ghall-zewg ragunijiet:-

“a) id-difett tal-kuntratt billi huwa nieqes mill-element ta' *alea* mehtieg f'kuntratt ta' vitalizju "*billi l-istess kuntratt mhuwiex alleatorju ghall-istess konvenuta mehud kont l-elementi ta' eta` u sahha ta' Joseph Grech, il-valur reali tal-fond in kwistjoni u l-ammont li hallset il-konvenuta taht l-istess kuntratt;* u

“b) l-istess kuntratt "*huwa difettuz billi l-kunsens ta' Joseph Grech gie karpit kontra r-rieda tieghu meta huwa kien ghadu debboli ftit jiem biss wara l-mewt ta' martu u 'hekk huwa gie sorpriz f'li jaghti l-kunsens tieghu minghajr ma kellu possibbilta' vera li jahsibha sewwa."*[1]

“Il-Qorti tosserva mill-ewwel li t-talba kif dedotta fic-citazzjoni dwar it-tieni kawzali ta' nullita` hija bbazata fuq qerq u frodi perpetrat a dannu ta' Joe Grech mhux fuq *vis* u ghandha toqghod mat-termini stretti ta' din it-talba.

“*Inoltre* l-atturi jissottomettu li l-kuntratt in kwistjoni "*huwa dak it-tip ta' rendita vitalizzja li skont l-Artikolu 1694 tal-Kodici Civili tissejjah ‘renta fundjarja’."*

“Din l-osservazzjoni hija wkoll zbaljata peress li l-Kodici Civili jirregola b'dispozizzjonijiet specjali l-kuntratt ta' vitalizju u, kif jghid *Torrente "A differenza della rendita perpetua, la rendita vitalizia ha natura tipciamente aleatoria" Jghid li "La nota caratteristica fondamentale dell'istituta(di vitalizia)e' l'obbligazione di corrispondere la rendita dura finche' dura l'eta di una persona designata dalle parti, la quale puo' essere cosi' il beneficiario della rendita che un terzo."*[2]

“L-element ta' riskju, "*alea"* hu essenzjali ghall-validita` ta' kuntratt ta' vitalizju u apparti l-osservazzjoni zbaljata fuq premessa, l-atturi, kemm fic-citazzjoni kif ukoll fil-kumplament tal-osservazzjonjiet taghhom, jishqu fuq dan il-kuntratt (ta' vitalizju).

“Difatti minn qari tal-iskrittura a fol 81, kif ukoll tal-kuntratt tal-5 ta' Novembru 1998, **Dok.A**, a fol. 5, huwa car li l-partijiet qablu fuq kostituzzjoni ta' *rendita vitalizja* u mhux renta perpetwa.

“**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT**

“**I. L-Ewwel Talba Attrici** - "*Li l-kunsens ta' Joseph Grech ghal fuq imsemmi kuntratt gie karpit bi frodi u qerq ghad-dannu tal-istess Joseph Grech u l-atturi bhala l-eredi tieghu."*

“**Ai termini tal-Artikolu 981 tal-Kodici Civili:**

*“1) L-għemil doluz huwa motiv ta’ nullità tal-ftehim, meta l-inganni*

---

[1] Nota tas-sottomissjonijiet tal-atturi a fol 333 tal-process.

[2] Andrea Torrente "*Manuale di Diritto Privato "(*Giuffre' Ed),1975 p 577

*magħmulin minn waħda mill-partijiet ikunu tali illi mingħajrhom il-parti l-oħra ma kenitx tikkuntratta.*

"*(2) L-għemil doluz ma jistax ikun prezunt, imma għandu jigi ppruvat."*

"Gie ritenut minn dawn il-qrati li biex il-qerq jolqot il-kunsens tal-parti f'kuntratt, hemm bzonn ta' erba' rekwiziti essenzjali ossija li: (a) jithaddmu mezzi jew atti qarrieqa; (b) li dawn il-mezzi u atti jkunu fihom nfushom gravi; (c) li l-mezzi u l-atti jkunu determinanti ghan-negozju li jkun sar bejn il-partijiet; u (d) li dawn l-mezzi u atti jkunu twettqu mill-parti l-ohra. Dawn ir-rekwiziti gew enuncjati fil-kawza citazzjoni numru 1198/00 fl'ismijiet **George u Miriam konjugi Portelli vs Ivan John Felice** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Lulju 2004.

"Applikati dawn il-principji, ta' rilevanza partikolari huma c-cirkostanzi antecedenti u konkomitanti ghall-iffirmar tal-kuntratt, senjatament ir-relazzjoni bejn il-partijiet, ic-cirkostanzi li wasslu ghall-iffirmar tal-kuntratt, il-volonta' u s-sahha mentali tad-*decujus* fil-mument tal-kunsens.

"Jirrizulta mill-assjem tal-provi li bejn il-konvenuta, u l-genituri taghha, min-naha wahda, u d-*decujus* Joseph Grech u martu Rita, min-naha l-ohra, kien hemm rabtiet qawwija ta' ghaqda u affezzjoni li kienu jmorru lura ghall-bosta snin. Mart Joseph Grech, Rita Grech, u omm Paula Pace kienu ahwa, u kienu "*inseparabbli"* fi kliem Paula Pace. Rita Pace kienet mardet fl-ahhar tas-snin sittin u minn dak iz-zmien, ohtha kienet tiehu hsiebha, tghinnha, u tindukkraha. L-familja Pace kollha kienet involuta f'dawn il-prestazzjonijiet b'xi mod jew iehor, ghaliex sfortunatament, is-sahha ta' Rita Pace marret minn hazin ghall-aghar sakemm wasal iz-zmien li ohtha, anke minhabba ragunijiet ta' sahhitha stess, ghall-habta tas-sena 1997, ma setghetx tghin kif xtaqet u kif kien hemm bzonn.

"L-ghajnuna moghtija minn omm Paula Pace mhijiex kontradetta mill-atturi, li mix-xhieda taghhom johrog li ma kienux daqshekk vicin ghad-*decujus* hlief ghal xi zjara okkazzjonali, imma zgur minghajr il-prezenza ta' l-impenn ta' kuljum ipprestat mill-familja Pace. Jirrizulta li d-*decujus* u martu kienu anke jghixu mal-familja Pace, kemm flimkien bhala koppja, kif ukoll Joe Grech wahdu, meta martu kienet tkun l-Isptar.

"Dan l-aspett ta' affett jinkwadra b'mod car ir-retroxena u l-qafas tar-relazzjonijiet ta' fiducja li nbnew u sehhew matul is-snin. Paula Pace xehdet li Joseph u Rita Grech kienu qishom membri tal-familja taghhom u sahansitra kienu jixtrulhom rigali ghal *Mother's Day* u *Father's Day* peress li ma kellhomx tfal. Paula u Louis, da parti taghhom, kienu qishom uliedhom.

"Fattur iehor li huwa determinanti ghall-ahjar apprezzament ta' din ir-retroxena hija dik finanzjarja. Minkejja x-xhieda ta' Catherine Grech li

Joe Grech ma kienx jafda lil Joe Pace, johrog mhux ikkontestat li Joe Pace kien ilu jghinu f'aspetti finanzjarji ghal snin kbar, minn mindu Grech kellu problema ta' taxxa. Kien hallielu l-karti f'idejh, u kien jaccetta l-ghajnuna tieghu. Dan kompla interrottament sal-bidu tas-sena 1999, ftit gimghat qabel li miet.

“Joe Grech kien lucidu,[3] kien intellettwali u struwit. Li kieku kellu l-icken ombra ta' sfiducja f'Joe Pace, kien jiehu azzjoni mill-ewwel. Difatti kien baqa' jamministra l-investimenti tieghu hu stess, u xejn ma kien izommu milli jiehu kollox f'idejh kieku kellu dispjacir f'Joe Pace. F'kull kaz, ir-raggiri li jwasslu ghat-thassir ta' ftehim ghandhom jigu adoperati mill-kontraent l-iehor u mhux minn terza persuna. Joe Pace huwa estraneu ghall-kuntratt in ezami u dak li ntqal fil-konfront tieghu m’huwa ta' ebda rilevanza.

“Sfortunatament f'din is-saga twila li ghadda minnha d-*decujus*, ir-relazzjoni tieghu ma’ persuni li kien jikkonsidra l-vera familja tieghu f'dak li hu affett, inqata' ghal kollox meta dahlet in xena Margaret Stivala. Din ma kenitx persuna disinteressata. Anzi kienet ilha li xehtet ghajnejha fuq id-dar ta' Birkirkara ghal ragunijiet li tafhom hi.[4] Malli harget lil Joseph Grech mill-Isptar, klandestinament, (tant li la n-*nurses* u lanqas l-amministratur Joseph Rossi, ma kienu gew avzati b'dan), dan beda jhares bl-ikrah lejn il-membri tal-familja Pace u gew sfiducjati f'ghajnejh. Il-Qorti ma tistax tonqos milli turi d-dispjacir taghha ghall-mod kif inhareg mid-dar tal-Anzjani, tant li Joseph Rossi rrabja bil-fatt ukoll li lanqas kien liebes sew biex jilqa' ghall-kesha. Kif ukoll li il-familja Pace, li damu s-snin jghinuh, kellhom isiru jafu li miet mir-radju.

“**Ikkonsidrat** ukoll li l-avvenimenti li graw <u>wara</u> l-iffirmar tal-kuntratt mhumiex daqstant rilevanti ghall-kaz in ezami, fejn il-Qorti ghandha tezamina l-kunsens ta' Joseph Grech, fil-mument li nghata, senjatament jekk hu gie ndott b'raggiri u mezzi frawdolenti sabiex jiffirma l-kuntratt tal-5 ta' Novembru 1998 mal-konvenuta.

“Ghal dan l-iskop hu fattur importanti, wkoll mhux ikkontrastat, li Joseph Grech ma riedx jghix f'*Home*. Izda johrog mix-xhieda tal-familja Pace li xtaq izomm postu fil- *Holy Family Home*, in-Naxxar, filwaqt li ma riedx jisvesti ruhu mill-assi li kellu. Is-soluzzjoni offruta minn Joe Pace kien ta' ftehim ta' vitalizju li kien jippermettilu jibqa' jghix fid-dar tal-anzjani minghajr ma jmiss il-kapital tieghu, kif ukoll jutilizza d-dar tieghu ta' Birkirkara meta jrid sakemm jigi nieqes.

“Ma jirrizulta l-ebda prova ta' raggiri jew qerq perpetrat fuq id-*decujus*. Anzi hu liberament iddiskuta dan il-ftehim ma' Humbert Grech,

[3] Ara xhieda ta' Joseph Rossi u ta' Catherine Grech.

[4] Ara xhieda ta' Margaret Stivala a fol 34 et seq tal-process.

Margaret Stivala, Frederick Stivala u ma ohtu Yolanda Cauchi. Frederick u Margaret tant ma raw xejn hazin li offrew li jassumu huma stess l-obbligazzjoni tal-hlas tal-annata. *Inoltre*, dan il-kuntratt kien precedut bi skrittura privata li, skont ix-xhieda ta' Louis Pace, kien f'idejn id-*decujus* ghal ben ghaxart ijiem qabel ma hu u martu ffirmawh. Kienet din l-iskrittura wkoll li wera lill-familjari tieghu sabiex ikollhom hjiel tat-tip tal-obbligazzjoni li xtaq minghandhom.

“Li kieku kien qed jigi raggirat, il-Qorti tifhem li l-familjari tieghu stess kienu jifthulu ghajnejh u daqs kemm kienu pronti jiehduh ghand Nutar fil-bidu tas-sena 1999, ftit gimghat qabel ma miet, kienu jkunu pronti jiedhuh qabel. Ghal kuntrarju, Humbert Grech wera interess u kien dispost jasal - "*Jekk Paula ma tasalx, jien interessat".* Dwar Fredrick ma hax l-offerta tieghu bis-serjeta' u dwar Margaret Stivala, id-diskors sar waqt li martu kienet ghadha hajja u martu oggezzjonat peress li ma kenitx affidabbli.[5] Kemm Frederick kif ukoll Margaret ikkonfermaw li Joseph Grech ma wasalx maghhom.

“Dan kollu juri li Grech ma giex rinfaccjat b'kuntratt li t-termini tieghu kienu ghal kollox godda ghalih imma fehmu u accettah u baqa' sakemm ghazel l-iktar persuna li seta' jafda li riedet u setghet tonora l-obbligazzjoni tal-hlas mensili, li kienet il-konvenuta.

“It-tezi tal-atturi li d-*decujus* gie raggirat huwa ferm dghajjef fl-isfond ta' dawn ic-cirkostanzi u konsiderazzjonijiet. Anzi, jaqa' ghal kollox meta wiehed jikkonsidra li l-kuntratt tal-5 ta' Novembru 1998 kien precedut minn konvenju ffirmat mill-konjugi Grech fis-27 ta' Settembru 1998. Dan il-konvenju kien gie ffirmat minn Rita Grech meta kienet ghadha hajja u kien validu ghal tliet xhur (fol. 81 tal-process). L-argument li Grech iffirma l-kuntratt meta kien fi stat emottiv vulnerabbli, kif jallegaw l-atturi, ma jreggix meta wiehed jikkonsidra li l-ftehim inkorporat fil-kuntratt kien isegwi ftehim iehor bl-iskritt, li esprimiet il-volonta' tal-konjugi Grech meta Rita kienet ghadha hajja, u allura ma kienx fi stat vulnerabbli.

“Din l-iskrittura tas-27 ta' Settembru 1998 mhix qed tigi mpunjata u l-atturi ma jghidu xejn dwarha. Dwar il-pubblikazzjoni tal-kuntratt, jirrizulta mix-xhieda ta' Paula li n-Nutar Hayman kien gie d-dar u dam hemm meta giet iffirmata l-iskrittura privata. Joseph Grech kien sahansitra indaga dwar il-geneologija tal-kunjom "*Hayman"* u qaghad jiddiskuti man-Nutar dwar dak li sab. Ma hemm xejn li jinduci lil din il-Qorti biex tithasseb dwar ic-cirkostanzi li wasslu ghall-iffirmar tal-kuntratt.

“Anzi analizi tal-ftehim u tal-kuntratt sussegwenti jwassal ghall-konkluzjoni li t-tnejn servew tajjeb l-interessi tad-*decujus* u ta' martu fis-sens li gew assigurati vitalizju li permezz tieghu setghu jserrhu mohhom li kienu ser jircievu redditu li ppermettilhom ihallsu l-mizati

[5] Ara xhieda ta' Louis Pace, Margaret Stivala u Fredrick Stivala dwar id-diskussjoni fuq dawn il-proposti.

tad-dar tal-anzjani ghar-residenza taghhom minghajr ma jmissu dak li faddlu.

“Mix-xhieda ta' Paula Pace, mhux ikkuntrastata, jirrizulta li kien Joe Grech li kien ghamel insistenza sabiex jigi finalizzat il-kuntratt. Kien liberu li jiffirmah maghha jew ma’ kwalunkwe persuna ohra. Dan hu korroborat minn Louis Pace u Joe Pace. Joe Pace xehed li: "*anzi ghal kuntrarju li kien jishaq hu stess li dawn il-kuntratti xtaqhom li jigu iffirmati ghax beza' li wliedi jerga' jibdilhom minn dak li kienu ftehmu fuq il-konvenju."* Paula Pace xehdet li kien gie id-dar minn filghodu, dakinhar tal-kuntratt u tkellem man-Nutar, ha t-te`, "*kien jaf kollox."* Sar tibdil fir-rata tar-rendita mensili minn Lm92 li kellu jithallas mal-mewt ta' wahda mill-koppja Grech, ghall-Lm100, u dan fuq insistenza ta' Paula Pace, liema tibdil kien vantaggjuz ghal Joseph Grech.

“Il-Qorti ssibha ferm difficli li taghti kredibbilta' lill-verzjoni tal-atturi meta jghidu li Joseph Grech lanqas biss kien jaf fejn gie ffirmat il-kuntratt meta dan kien gie ffirmat f'post li prattikament kien iqisu bhala r-residenza tieghu.

“Il-Qorti thoss li ghandha tinnota mankanza lampanti in kwantu ma giex prodott in-Nutar Marco Farrugia bhala xhud meta, skont ix-xhieda ta' Margaret Stivala, kien spjegalu l-kontenut tal-kuntratt u quddiemu d-*decujus* wera li ma kienx fehem dak li ffirma ghalih. Fl-assenza ta' tali xhud, dak li stqarret Margaret Stivala huwa kollu *hearsay*, u mhux attendibbli.

“Il-Qorti fid-dawl tal-premess, hi tal-fehma li ma giex ippruvat li l-kunsens ta' Joseph Grech meta ffirma l-kuntratt tal-5 ta' Novembru 1998 kien karpit b'qerq u frodi perpetrat minn Paula Pace, u ghalhekk qed tichad din it-talba peress li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

“**L-*Alea* bhala Element Essenzjali ta' Ftehim ta' Vitalizju.**

“Il-Kodici Civili tikkonsidra l-vitalizju bhala kuntratt specjali u tiddisponi dwar dan il-kuntratt permezz tal-artikoli **1702** sa **1712 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.** Hu pacifiku li l-*alea* huwa element essenzjali ghall-validita` ta' kuntratt ta' vitalizju. (“***Oscar Sammut v Antonio Ellul*** *” - App.Civ. 15.1.1945)* tant li "*se l'alea manca , il contratto e' nullo*[6]*."*

“Dan ifisser li l-istipulazzjonijiet tal-kuntratt ghandhom ihallu element ta' incertezza rigward il-vantagg jew telf ekonomiku li jista’ javvera ruhu waqt id-durata tal-kuntratt. Jekk jonqos dan l-element ta' incertezza, minhabba l-eta' avvanzata tal-beneficjarju (u allura l-probabbilta' li l-obbligazzjoni ma tiehux fit-tul), jew mard serju fejn huwa prevedibbli l-mewt imminenti tal-beneficjarju, jew minhabba sproporzjon qawwi bejn il-valur jew frott rikavat mill-oggett assenjat u

[6] Andrea Torrente op.cit.

r-rendita mhallsa, jonqos dan l-element hekk essenzjali u konsegwentement il-kuntratt ta' vitalizju <u>oneruz</u> huwa null.

"Huwa minnu li, kif gie ribadit mill-Qorti tal-Appell fil-kaz fuq citat, abbazi tal-insenjament ta' **Antonio Butera,**[7] mhuwiex eskluz l-intenzjoni tal-partijiet li jiftehmu fuq il-kostituzzjoni ta' vitalizju gratuwitu, jew kuntratt mist oneruz-gratuwitu, fejn allura l-*alea* mhuwiex kwezit essenzjali ghall-parti gratuwitu tal-ftehim. Izda biex tali ftehim jkun validu, jenhtieg li l-istipulatur jagixxi bl-*animus donandi.*

"Applikati dawn il-principji, ikkonsidrat li l-atturi ssottomettew li l-kuntratt in ezami ma kellu l-ebda riskju ghall-konvenuta minhabba l-eta' (80 sena), l-qaghda ta' sahha ta' Joseph Grech u l-isfond kif svolgew il-fatti tal-kaz u sproporzjon bejn il-valur tal-fond (Lm32000)[8] u r-rendita mensili li kellu jithallas (Lm100 fix-xahar).

"**Ikkonsidrat** izda li mhuwiex ippruvat li Joe Grech kien marid serjament meta ffirma l-kuntratt in ezami. Kienet martu, Rita, li kienet ilha ssofri minn mard li hakimha sa mis-snin sittin u dejjem baqghet sejra lura. Il-fatt li mar maghha biex jghix fid-Dar tal-Anzjani ma jirrizultax li kien dovut ghal xi mard da parti tieghu, imma ghaliex kien bniedem pjuttost ezigenti u mart Joseph Pace ma felhitx iktar ghall-piz li tiehu hsieb dawn l-ezigenzi tieghu. Huwa minnu li Joseph Rossi, l-amministratur tad-dar tal-Anzjani tan-Naxxar, qal li huwa kien jiehu medicini, izda ma tressqet ebda prova dwar x'kienu dawn il-medicini u l-iskop taghhom, ad ezempju, permezz ta' prova ta' tabib jew tan-*nurses* li kienu fid-dar tal-Anzjani. Fl-istess hin, il-Qorti ma tistax tinjora l-eta` avvanzata li kellu (ta' 80 sena), fiz-zmien li ffirma l-kuntratt. B'danakollu kemm kien fadallu hajja Alla biss kien jaf izda tenut kont li kellu 80 sena, il-prospettiva ta' ghixien fit-tul kienet wahda kwalifikata.

"L-istorja kienet ghal kollox differenti ghal mart Joseph Grech, Rita Grech li kienet premorjenti ghalih. Izda Rita Grech ma ffirmatx il-kuntratt li huwa l-mertu ta' din il-kawza, liema kuntratt ma kien jirrikjedi ebda ftehim preliminari ghall-validita` tieghu. Ghalhekk il-Qorti tqis li c-cirkostanzi taghha fil-mument tal-iffirmar tal-iskrittura privata mhumiex rilevanti ghall-validita` tal-kuntratt in ezami li sehh bejn Joseph Grech wahdu u Paula Pace. Anzi minn ezami tax-xhieda ta' Joe Pace, Paula u Louis Pace, jirrizulta li Joseph Grech tant ried li jikkonkludi dan il-ftehim li kien jinsisti, specjalment ma' Paula Pace, biex jaghmlu l-att notarili, li ma jmurx jerga' jibdilhom.

"*Inoltre* l-Qorti ghandha tinnota li dan il-kuntratt jirrizulta li gie ppubblikat min-Nutar wara li tkellem mad-*decujus* ghal bosta sieghat

---

[7] *"Del Contratto Vitalizio" (nru. 44 pp 104-105)*

[8] Valutazzjoni tal-perit Joseph Jaccarini esebit a fol.8 tal-process

(3 jew 4 hours)[9], u li kien il-frott ta' diskussjonijiet, u gharbiel serju. Kuntratt li hu att pubbliku, huwa prezunt validu u mhux leggerment impunjabbli. F'dan l-att, ir-rata tal-annata hija stipulata fl-ammont ta' Lm100 fix-xahar ghaliex ittiehed in konsiderazzjoni li dan kien ser jithallas ghall-persuna wahdu minflok Lm153 ghal Joseph Grech u martu flimkien. L-ammont stabbilit fil-ftehim privat kien ghall-tnejn minn nies. Dan kien jirraprezenta zieda fuq l-ammont miftiehem fl-iskrittura preliminari minn Lm93 fix-xahar ghal Lm100 fix-xahar.

"**Ikkonsidrat** li l-valur tal-fond assenjat gie stabbilit minn Perit *ex parte* nkarigat mill-atturi. Madanakollu dan il-valur ma giex ikkontestat mill-konvenuta u l-Qorti ghalhekk ser tistrieh fuqu galadarba gie kkonfermat bil-gurament mill-Perit Jaccarini.[10]

"L-atturi jargumentaw li r-rendita ta' Lm1,200 fis-sena jfisser li l-konvenuta kellha thallas ghal 26 sena qabel ma tasal ghall-hlas tal-valur tal-fond. Il-konvenuta tirribadixxi li r-rendita giet ikkalkolata mhux abbazi tal-valur tal-immobbli li gie assenjat lilha, imma abbazi ta' kalkoli tar-rati li Joseph u Rita Grech kellhom ihallsu biex jibqghu fid-Dar tal-Anzjani. Dan probabbilment huwa minnu, tant li kellu ihallas ammont relattivament zghir in eccess fuq l-annata lill-*Home.*

"Izda dan l-argument hu semplicistiku wisq. L-element ta' incertezza huwa marbut mal-vantagg ekonomiku *o meno* tul id-durata tal-vitalizju u paragun bejn il-valur tal-fond assenjat u r-rata mensili, fl-isfond tal-eta' avvanzata tal-istipulatur Joseph Grech ma jhalli ebda lok ghall-incertezza. Li kieku Joseph Grech kellu jghix sa 106 sena, li hija mprobabbli, il-konvenuta tkun ghadha fic-certezza li mhiex ser tbati ekonomikament. L-isproporzjon bejn il-valur tal-fond u r-rati hija tant kbira li din il-Qorti ma tistax tinjorah. Kien ikun ben altru kieku d-diskrepanza kienet tenwa, izda mhux fil-kaz in ezami.

"***Animus Donandi***

"Il-konvenuta ssottomettiet li l-element gratuwitu mhuwiex eskluz u jekk jirrizulta zbilanc bejn il-valur tal-proprjeta` u r-rendita prospettata (sottomessa minghajr pregudizzju) "*l-konsegwenza logika hija li ghal din id-differenza, Joseph Grech ma kienx jinteressah u kien qed jaghtiha gratuwitament."* Difatti gie ritenut li "*meta l-isproporzjon bejn il-valuri assenjati tkun konsiderevoli, b'mod li teskludi l-alea, dan ma jgibx ghan-nullita' tal-kuntratt, izda dan il-kuntratt ikun mist bl-element ta' onerozita' u ta' liberalita' u jkun in parti donazzjoni."* ***(Dec. Vol.XXXII-I-138).***[11]

---

[9] Xhieda ta' Paula Pace.

[10] *Xhieda viva voce a fol.62 tal-process.*

[11] Citat fis-sentenza fl-ismijiet "***Vincenzo Debono v Nutar Dr. Vincent Gatt et"*** *- P.A. 24 ta' Gunju 1954.*

“Kif gie ribadit fil-kaz "**Carmelo Vella v Giorgio Zahra**" **(**PA-dec.17.X.1963 per Prof.H. Xuereb J.) "*l-element ta' liberalita' ghandu jigi ritenut li jirrizulta meta jew ma jezistix il-korrispettiv li jinghad fl-atti li qed jinghata, jew ikun hemm sproporzjon bejn dak li qed jinghata u dak li qed jigi ricevut."* Hekk ukoll gie ritenut fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet “***Vincenzo Debono v Nutar Dr. Vincent Gatt et”*** fuq citat.

“Jirrizulta li l-kontraenti kienu jafu dak li kienu qed jiftehmu dwaru. Id-*decujus* kien immotivat bil-hsieb li ried isostni r-rati li kellu ihallas lid-Dar tal-Anzjani, minghajr ma jkollu jmiss l-investimenti u kapital tieghu. Ftehim ta' vitalizju kienet tofrilu s-soluzzjoni idejali u jirrizulta li dan kien diskuss bejnu u bejn Joe Pace. Id-*decujus* ma kellu l-ebda dubju dwar in-natura tal-ftehim, tant li tkellem ukoll ma' familjari tieghu biex jara jekk kienux interessati li jhallsuh huma l-vitalizju. Fl-ahhar mill-ahhar irrizulta li kellu fiducja fil-konvenuta li kienet ser tasal li twettaq l-obbligazzjonijiet tal-hlas, kif fil-fatt kienet gja bdiet taghmel sa minn Awwissu tas-sena 1998.

“Jirrizulta wkoll kemm mix-xhieda tal-konvenuti, kif ukoll minn dawk prodotti mill-atturi, li Joseph Grech kien bniedem intelligenti u struwit. Kien jaf l-affarijiet tieghu u l-Qorti hija konvinta li ma giex indott b'qerq jew frodi biex jaccetta redditu inferjuri ghal dak li xtaq. Huwa kellu rabtiet ta' affett kbar ma' Paula Pace, sa mit-tfulija taghha, tant li kien wera t-thassib fuqha meta kienet l-Ingilterra ghall-operazzjoni u kien icemplilha kuljum. Dan kien fiz-zmien materjali tal-ftehim (1998). Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-eccess fil-valuri li jista' jirrizulta kien qed jaghtih gratuwitament favur Paula Pace b'*animo* ta' liberalita'.

“Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed tichad it-tieni kawzali bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt.

“**Eccezzjonijiet ta' Paula Pace**

“Il-konvenuta Paula Pace *in linea preliminari* eccepiet li l-atturi jridu jipprovaw it-titolu taghhom *qua eredi* li minn ezami tat-testment imsemmi mill-atturi mhumiex innominati bhala eredi.

“Jirrizulta mic-citazzjoni li d-*decujus* irrediga testment ippubblikat min-Nutar Dottor Marco Farrugia fit-13 ta' Jannar 1999. Skont l-att ta' citazzjoni, dan it-testment kien anness mieghu (ara pagna 4 tal-process) u kellu jkun immarkat Dok. A. Izda minn ezami tac-citazzjoni, id-dokument immarkat bhala Dok. A huwa l-kopja tal-kuntratt tal-5 ta' Novembru 1998 u Dok. B jirreferi ghall-valutazzjoni tal-Perit Jaccarini.

“Ma jirrizultax mill-atti disponibbli ghall-Qorti li gie esebit dan it-testment u fl-assenza ta' tali dokument ma jirrizultax mill-provi li l-atturi huma l-eredi ta' Joseph Grech u jonqos il-prova tal-interess guridiku taghhom”.

L-Appell

6. L-atturi pprezentaw l-appell taghhom permezz ta' rikors datat 31 ta' Ottubru 2013, li bih talbu lil din il-Qorti sabiex, filwaqt li tirrevoka s-sentenza appellata, tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta u tilqa' t-talbiet taghhom bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

7. L-aggravji tal-atturi, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti: [1] l-ewwel Qorti naqset milli taghtihom opportunita` li jaghmlu sottomissjonijiet ohra jew jissottolinejaw il-punti saljenti tal-kawza qabel ghaddiet biex taghti s-sentenza, minkejja l-bidla fil-kompozizzjoni tal-istess Qorti u l-fatt li l-kawza kienet ilha differita ghas-sentenza ghal iktar minn sitt snin; [2] kuntrarjament ghal dak deciz mill-ewwel Qorti, mill-provi ma jirrizulta ebda *animus donandi* da parti ta' Joseph Grech fuq il-kuntratt *de quo*, u billi s-sentenza appellata rikonoxxiet li l-element tal-alea huwa mankanti, l-ewwel Qorti kellha tikkonkludi li l-kuntratt, bhala wiehed ta' renditu vitalizju, huwa null; [3] in-nuqqas li jigi esebit it-testment datat 13 ta' Jannar 1999 li minnu kellu jirrizulta li l-atturi huma l-eredi ta' Joseph Grech kien rizultat ta' zball genwin u, f'kull kaz, l-atturi bhala hut l-istess *decuius* huma l-werrieta skont il-Ligi u ghandhom interess guridiku li jipproponu din il-kawza.

8. Il-konvenuta wiegbet ghall-appell tal-atturi permezz ta' risposta pprezentata fit-25 ta' Novembru 2013 fejn, ghar-ragunijiet hemm

imsemmija, sostniet illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma u l-appell tal-konvenuta ghandu jigi michud.

*L-Ewwel Aggravju*

9. L-atturi jilmentaw, essenzjalment, illi l-ewwel Qorti naqset milli timxi skont il-principju ta' *audi alteram partem* meta ma tathomx opportunita` li jaghmlu sottomissjonijiet ohra u jissottolinejaw il-punti saljenti tal-kawza qabel ghaddiet biex taghti s-sentenza, u dan, minkejja li l-kawza kienet ilha differita ghal dan l-iskop ghal diversi snin. Jikkontendu wkoll illi dan is-smigh kien mehtieg tabilhaqq ukoll minhabba t-tibdil fil-kompozizzjoni tal-ewwel Qorti, liema tibdil wassal biex il-Qorti li ppronunzjat is-sentenza appellata ma kienitx l-istess Qorti li semghet ix-xhieda.

10. Il-konvenuta tichad li kien hemm xi nuqqas kif lamentat mill-atturi, u ssostni li l-partijiet inghataw l-istess opportunitajiet biex iressqu l-provi u jaghmlu s-sottomissjonijiet kollha li dehrulhom mehtiega. Skont il-konvenuta, it-tibdil fil-kompozizzjoni tal-qorti ma jitfa' ebda obbligu fuq il-gudikant li jordna t-trattazzjoni mill-gdid tal-kawza, wisq anqas fin-nuqqas ta' talba *ad hoc* minn xi wahda mill-partijiet kontendenti.

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

11. Ma jistax ma jigix osservat immedjatament illi dan l-ewwel aggravju huwa manifestament infondat, u t-tezi tal-atturi li kellhom jinghataw l-opportunita` li jittrattaw il-kawza mill-gdid wara t-tibdil fil-kompozizzjoni tal-ewwel Qorti, hija manifestament insostenibbli. Din il-Qorti tosserva li huwa evidenti illi sakemm inghatat is-sentenza appellata l-atturi agixxew bhallikieku kienu sodisfatti li l-provi li ressqu u s-sottomissjonijiet li ghamlu kienu ezawrjenti tant illi s-sentenza setghet tigi pronunzjata minghajr il-htiega ta' xi intervent iehor. Dan qed jinghad ghaliex anke wara li ghamlu sitt snin jistennew li tinghata s-sentenza, jidher li l-atturi ma hassew ebda htiega, lanqas wara li nbidlet il-kompozizzjoni tal-ewwel Qorti, li jitolbu li ssir trattazzjoni mill-gdid tal-kawza qabel tinghata s-sentenza. Kif tajjeb osservat ukoll il-konvenuta, fic-cirkostanzi, l-atturi ma setghux ma kienux konsapevoli li l-kawza kienet sejra tigi deciza mill-qorti diversament preseduta, *multo magis* mehud kont tal-fatt li wara li sehhet is-surroga fis-16 ta' Jannar 2013, kien hemm seduta fis-26 ta' Marzu 2013 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-15 ta' Ottubru 2013.

12. Ferm il-premess, din il-Qorti tosserva illi kieku l-atturi verament emmnu li seta' jigi arrekat xi pregudizzju ghall-kaz taghhom bil-bidla fil-gudikant jew bid-dewmien fil-prolazzjoni tas-sentenza, jew hassew il-

htiega li jigbdu l-attenzjoni tal-Qorti sedenti Imhallef differenti ghal xi punt li ma jirrizultax minn semplici ezami tal-atti, jew materja ohra marbuta direttament mal-bidla fil-kompozizzjoni tal-Qorti, kienu jaghmlu din it-talba quddiem l-istess Qorti u mhux quddiem din il-Qorti fi stadju ta' appell. Anke minghajr qies tal-fatt illi l-kawza giet differita ghall-ewwel darba ghas-sentenza fid-9 ta' Mejju 2007, huwa evidenti illi fl-aghar ipotesi ghall-atturi f'dan il-kaz, huma kellhom xejn inqas minn disa' xhur bejn is-surroga u l-pronunzjament tas-sentenza appellata fil-15 ta' Ottubru 2013, biex jaghmlu dan.

13. Fuq kollox pero`, jigi osservat illi r-rikors tal-appell ma jhalli ebda dubju li l-ilment tal-atturi dwar in-nuqqas ta' smigh quddiem l-ewwel Qorti qabel is-sentenza, huwa msejjes kollu kemm hu fuq apprezzament ta' fatti li jirrizultaw mill-atti[12], u certament mhux fuq xi haga li l-istess Qorti ma setghetx altrimenti ssir taf biha minhabba l-bidla fil-kompozizzjoni taghha, jew xi haga li minhabba fiha ma setghetx tghaddi ghall-prolazzjoni tas-sentenza. Ghall-kompletezza, din il-Qorti tosserva wkoll li, billi f'dan il-kaz saru sottomissjonijiet bil-miktub u ma saritx trattazzjoni orali tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti diversament komposta qabel sehhet is-surroga, l-atturi lanqas huma gustifikati jesigu li ssir trattazzjoni orali f'dan l-istadju. Huwa prezunt illi dak kollu li l-

[12] Il-kancellament mid-*decuius* tal-prokuri li kien ta lill-familja tal-konvenuta; il-fatt li ried jipprocedi huwa stess b'din il-kawza u n-nuqqas li jigi esebit it-testment Dok. A mac-Citazzjoni.

partijiet qiesu li seta' kien relevanti ghat-tezi taghhom ikunu ghamlu referenza ghalih fis-sottomissjonijiet bil-miktub, diment li ma tkunx saret ukoll trattazzjoni orali li ma gietx traskritta in atti, izda dan mhux il-kaz tal-lum.

14. Ferm il-premess, u filwaqt illi tqis li l-ilment tal-atturi m'huwiex gustifikat, hija wkoll il-fehma ta' din il-Qorti illi, fin-nuqqas ta' raguni valida li sehhet wara li kienet tbiddlet il-kompozizzjoni tal-ewwel Qorti, dik il-Qorti ma kienitx marbuta li taghti opportunita` lill-partijiet li jerghu jaghmlu sottomissjonijiet mill-gdid f'dan il-kaz, u ghalhekk lanqas jista' jigi rravvizat ipotesi ta' nuqqas ta' smigh bi ksur tal-principju ta' *audi alteram partem*.

15. Ghall-motivi premessi, dan l-aggravju tal-atturi qed jigi rigettat.

16. Din il-Qorti tqis illi f'dan l-istadju, qabel jigi trattat l-ilment tal-atturi dwar id-decizjoni moghtija mill-ewwel Qorti fuq il-mertu tal-kawza, liema ilment gie trattat fit-tieni aggravju tar-rikors tal-appell, ikun opportun li jigi trattat it-tielet aggravju tal-atturi dwar in-nuqqas ta' interess guridiku taghhom f'din l-azzjoni.

*It-Tielet Aggravju*

17. L-atturi jikkontendu illi, ghalkemm huwa minnu li huma naqsu milli jesebixxu t-testment datat 13 ta' Jannar 1999 imsemmi fic-Citazzjoni bhala Dok. A, u li minnu kellu jirrizulta li huma l-eredi ta' Joseph Grech, dan in-nuqqas kien rizultat ta' zball genwin, u jilmentaw li b'daqshekk l-ewwel Qorti ma kienitx gustifikata tikkonkludi li m'hemmx prova in atti dwar l-interess guridiku taghhom semplicement ghaliex naqsu milli jipproducu dan it-testment. Isostnu illi f'kull kaz, bhala hut l-istess *decuius*, huma l-werrieta tieghu skont il-Ligi u ghandhom interess guridiku li jipproponu din il-kawza. Skont l-atturi, kien jinkombi fuq il-konvenuta u mhux fuq l-atturi, li tressaq prova ta' xi testment tad-*decuius* li bih gew nominati terzi ohrajn bhala l-werrieta tieghu.

18. Il-konvenuta tishaq illi mehud kont tal-ewwel eccezzjoni minnha sollevata, l-atturi ma kellhomx ghazla hlief li jressqu l-prova rikjesta li huma l-werrieta tad-*decuius* Joseph Grech, izda minflok, huma baqghu ma ressqu ebda prova kwalsiasi in materja quddiem l-ewwel Qorti, lanqas it-testment innifsu msemmi bhala Dok. A fic-Citazzjoni li bih skont huma, gew nominati mid-*decuius* bhala l-eredi tieghu.

19. Din il-Qorti tosserva li, filwaqt illi jidher li l-konvenuta ma toggezzjonax ghall-prezentata da parti tal-atturi taz-zewg testmenti annessi mar-rikors tal-appell (Dok. A u Dok. B[13]), tikkontendi illi lanqas

[13] Fol. 10 [Dok. A huwa t-testment tat-13 ta' Jannar 1999 imsemmi fic-Citazzjoni], sa fol. 16.

minn dawn it-testmenti ma jirrizulta li l-atturi gew nominati bhala werrieta tal-istess Joseph Grech. Skont il-konvenuta, il-fatt li l-atturi huma hut id-*decuius* ma jfissirx li huma l-eredi tieghu jew li accettaw l-eredita` tieghu u f'kull kaz, ma kienx jinkombi lilha li tressaq il-prova mehtiega, izda l-oneru tal-prova kien jinkombi fuq l-atturi u fin-nuqqas ta' din il-prova, l-ewwel Qorti kienet korretta tikkonkludi li l-atturi ma ressqux prova dwar l-interess guridiku taghhom f'din il-kawza.

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

20. Qabel xejn, din il-Qorti tqis li kellha ragun l-ewwel Qorti tissolleva fis-sentenza appellata l-kwistjoni dwar in-nuqqas ta' interess guridiku tal-atturi f'din il-kawza, anke ghaliex kellha spunt mill-ewwel eccezzjoni mressqa mill-konvenuta. Huwa pacifiku illi l-eccezzjoni tal-interess guridiku hija eccezzjoni ta' natura perentorja u bhala tali hija sollevabbli f'kull stadju tal-proceduri, anke fi stadju ta' appell, kif ukoll hija ta' portata tant serju fuq l-ezitu, li tista' tigi sollevata *ex officio* mill-Qorti. Kif jinsab ritenut:-

> "… l-interess jirradika d-dritt ghas-smiegh ghal-litigant. Mitluf dak id-dritt, jintilef l-obbligu ghas-smiegh u ghalhekk huwa kompitu tal-Qorti illi ggib dan il-fatt 'il quddiem meta jirrizultalha 'l-bazi tal-azzjoni' huwa nieqes jew inkella ntilef fil-kors tal-kawza.[14]

[14] **Veronique Amato Gauci et vs Marco Zammit et**, Appell Civili, deciz 19 ta' Mejju 2004.

21. Ezami tal-premessi tal-atturi fic-Citazzjoni ta' din il-kawza, ftit thalli dubju li l-azzjoni attrici hija msejsa kollha kemm hi fuq il-premessa li l-atturi qeghdin jagixxu ghall-impunjazzjoni tal-kuntratt tal-5 ta' Novembru 1998, fil-kapacita` taghhom ta' eredi testamentarji tal-mejjet Joseph Grech. Jigi osservat illi c-Citazzjoni ma fiha ebda dikjarazzjoni jew premessa li d-*decuius* kien jigi hu l-atturi[15], jew li l-atturi huma l-werrieta legittimi tieghu skont ir-regoli tas-successjoni *ab intestato*. Tabilhaqq, jinsab premess fic-Citazzjoni illi l-prova li l-atturi huma l-eredi tad-*decuius*, ghandha tirrizulta mit-testment datat 13 ta' Jannar 1999 fl-atti tan-Nutar Marco Farrugia, liema testment kellu jigi anness u esebit mac-Citazzjoni bhala Dok. A. Madanakollu, kif tajjeb irriteniet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, dan it-testment baqa' ma giex esebit bir-rizultat li ma kienx a dispozizzjoni taghha meta ppronunzjat is-sentenza appellata. Ghalhekk, mizmumin ferm dawn il-konsiderazzjonijiet premessi, din il-Qorti ma tistax tqis bhala zbaljata l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li ma rrizultax mill-provi akkwiziti li l-atturi huma l-eredi ta' Joseph Grech u li ghalhekk huwa karenti l-interess guridiku taghhom fl-azzjoni odjerna.

22. In tema legali, biex tali interess ikun tutelat minn karattru guridiku, iridu jigu sodisfatti diversi kriterji. Il-principji li jikkwalifikaw l-interess li ghandu f'kull kaz jigi riskontrat fl-attur biex jippromwovi u jsostni l-

[15] Ghalkemm dan il-fatt jemergi mill-provi akkwiziti.

azzjoni minnu esperita, gew elenkati fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Novembru 2003 fil-kawza **Agatha sive Agathina Formosa Gauci v. Dr. Francis Lanfranco et**:-

> "(i) l-interess (guridiku) mehtieg irid ikun wiehed dirett, legittimu, kif ukoll attwali;
>
> (ii) l-istat attwali ta' ksur ta' jedd jikkonsisti f'kundizzjoni pozittiva jew negattiva li xxejjen jew tinnewtralizza dritt li jkun jappartjeni lid-detentur jew lil dak li lilu jkun misthoqq;
>
> iii) l-interess guridiku fl-attur huwa dak li l-imharrek jirrifjuta li jaghraf il-jedd tal-istess att-ur u dan billi kull persuna ghandha d-dritt titlob li, fil-konfront taghha, isir haqq jew tigi msewwija ingustizzja li tkun giet maghmula kontriha;
>
> iv) l-interess guridiku irid ikun iwassal ghal rizultat ta' utilita' u vantagg ghal min irid jezercita l-jedd. Jekk l-azzjoni ma tistax twassal ghal tali rizultat ghal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi;
>
> v) l-interess guridiku jrid jibqa' jissussisti tul il-hajja kollha tal-azzjoni u mhux biss fil-bidu taghha. Jekk l-interess jintemm, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imharrek jinheles milli jibqa' fil-kawza;
>
> vi) l-interess tal-attur ghandu jkun jidher mill-att tac-citazzjoni nnifisha. Ghalkemm il-mottiv tal-interess mhux mehtieg li jkun imsemmi fic-citazzjoni, dan ghandu jrrizulta mill-provi jekk kemm-il darba jigi kkuntrastat;
>
> vii) fil-prattika gudizzjarja, wiehed jista' jippromwovi kawza biex jikseb dikjarazzjoni preordinata ghal azzjoni definittiva u ahharija, minkejja li din ma tkunx giet inkluza fl-azzjoni ta' accertament. Madankollu, f'kaz bhal dan, il-Qorti trid tkun sodisfatta li jkun hemm l-interess mehtieg, anki preordinat ghall-kawza l-ohra, u li d-dikjarazzjoni hekk miksuba tkun tifforma l-bazi tal-kawza l-ohra li tista' ssir aktar 'il quddiem;
>
> viii) l-interess mhux bilfors ikun wiehed li jigi kkwantifikat f'somma determinata ta' flus jew gid, imma jista' jkun imsejjes biex ihares jew jaghti gharfien ghal jedd morali jew soggettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku;
>
> ix) jekk azzjoni, ghalkemm tkun imsejsa fuq jedd tal-attur, tkun mahsuba biss biex tirreka hsara lill-imharrek bla ebda vantagg utli lill-attur tali azzjoni titqies bhala wahda llegali – azzjoni maghrufa fid-

> duttrina bhala wahda acta ad aemulationem – u titqies li fiha jkun jonqos l-interess guridiku mehtieg."[16]

23. Gie ritenut ukoll minn din il-Qorti fis-sentenza taghha fil-kawza **Baldacchino v. Bellizzi et**:-

> "*… min jistitwixxi azzjoni jrid bilfors ikollu xi dritt – 'l'azione civile non puo' essere promossa che per far valere un diritto, e da colui a cui il diritto spetti. Mancando l'uno e l'altro di questi requisiti, l'azione e' infondata ed inammissibile*'[17]*.*

24. Inoltre, fis-sentenza taghha tat-8 ta' Jannar 2010[18], din il-Qorti osservat illi:-

> "Dan il-principju jintrabat ghalhekk mal-htiega li min jiftah kawza jrid juri li ghandu l-interess li mhux biss jiskaturixxi minn xi dispozizzjoni tal-ligi in kwantu dik il-ligi tkun qed tigi invokata, imma wkoll wiehed attwali u dirett".

25. Fil-kaz in ezami, it-talba tal-atturi hi mibnija fuq il-premessa li huma l-eredi tad-*decuius* skont testment datat 13 ta' Jannar 1999 fl-atti tan-nutar Marco Farrugia. Madanakollu, mhux biss dan it-testment ma giex esebit quddiem l-ewwel Qorti izda meta gie eventwalment esebit mar-rikors tal-appell tal-atturi, l-interess guridiku tal-atturi baqa' ma rrizultax stante illi minn dawn iz-zewg testmenti l-atturi ma gewx nominati bhala eredi tal-istess *decuius*. Kif sewwa osservat il-konvenuta, dawn it-testmenti esebiti ma jibdlu assolutament xejn mill-

---

[16] Citata wkoll f'**Karina Fenech vs Awtorita` tad-Djar et** – Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 12 ta' Dicembru 2011.

[17] Qorti ta' l-Appell - sentenza tal-15 ta' Lulju 1952 (Vol.36.II.493)

[18] **Anthony Saliba vs Neputnes Bar and Restaurant Company Limited.**

pozizzjoni fattwali u legali li kellha quddiemha l-ewwel Qorti, ghaliex huwa evidenti li ma hemm ebda dispozizzjoni testamentarja, la fit-testment tat-13 ta' Jannar 1999 (Dok. A)[19] u lanqas fit-testment *unica charta* li sar bejn id-*decuius* u martu fit-13 ta' Gunju 1973 (Dok. B)[20], li biha l-atturi gew nominati u istitwiti bhala werrieta ta' huhom Joseph Grech.

26. Ukoll, din il-Qorti tosserva li l-interess guridiku pretiz mill-atturi *qua* eredi tad-*decuius* Joseph Grech gie specifikatament ikkontrastat mill-konvenuta bl-ewwel eccezzjoni taghha li testwalment tghid hekk:- "*Illi in linea preliminari, l-atturi jridu jippruvaw it-titolu taghhom qua eredi, stante li minn ezami tat-testment imsemmi mill-atturi m'humiex innominati bhala eredi*".[21] Minn ezami tal-atti processwali disponibbli lill-ewwel Qorti diga` jirrizulta manifest illi l-atturi ma ressqu la xhieda u lanqas provi dokumentali in sostenn tal-istat minnhom vantat ta' eredi tad-*decuius* u dan in-nuqqas jassumi iktar relevanza u gravita` fil-qafas tal-eccezzjoni fuq riprodotta, b'liema eccezzjoni gie impost fuq l-atturi mhux biss l-oneru li jipprovaw l-interess guridiku taghhom fl-azzjoni minnhom proposta, izda wkoll l-oneru specifiku li jipprovaw li huma l-

[19] F'dan it-testment it-testatur halla legat rimuneratorju lill-attur Paul martu Margaret, konjigi Stivala.

[20] F'dan it-testment unica carta t-testatur Joseph Grech u martu, innominaw lil xulxin eredi universali tal-assi taghhom.

[21] Sottolinejar ta' din il-Qorti.

eredi tad-*decuius* Joseph Grech. Ghalhekk, fin-nuqqas ta' din il-prova, l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi.

27. Din il-Qorti tosserva illi r-relevanza ta' dan kollu tinsab fil-fatt illi l-azzjoni tal-atturi ghandha l-ghan specifiku li jigi impunjat il-kuntratt tal-5 ta' Novembru 1998 u ghalhekk huwa mehtieg li jigi stabbilit x'jigri mil-lat legali kemm-il darba l-kuntratt *de quo* kellu jigi impunjat u l-fond *de quo* jerga' jidhol fil-patrimonju tad-*decuius*. Huwa appuntu f'dan il-qafas li jassumu importanza l-konsiderazzjonijiet dwar in-natura u il-htiega ta' interess guridiku ghaliex jekk l-atturi jonqsu milli juru li ser ikunu huma l-beneficcjarji tal-fond f'kaz ta' ezitu favorevoli tat-talbiet taghhom, *multo magis* meta gew rinfaccjati b'eccezzjoni li tirrikjedi l-prova li huma l-eredi tad-*decuius*, l-azzjoni taghhom tfalli.

28. Relevanti in propositu huwa dak rapportat fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Terribile v. Arthur Bajada**[22]:-

> "Issa, l-interess guridiku jrid jissussisti fil-kawza kif proposta u dejjem fil-kuntest tat-talbiet attrici. L-interess guridiku jimporta mhux biss interess personali u attwali fil-mertu imma ukoll interess li jissarraf fi pretensjoni ta' esercizzju ta' dritt kontra l-persuna citata. Ghalhekk mhux kull utilita` guridika tekwivali ghall interess guridiku. (ara *App. Attard vs Baldacchino et* tal-5/10/2001). It-talbiet u l-premessi fic-citazzjoni jiffurmaw il-parametri li fihom il-Qorti ghandha tiddeciedi u li jiddeterminaw il-kompetenza taghha. Il-Qorti ghalhekk ma tistax tiddeciedi fuq xi haga mhix mitluba jew difiza mhux imressqa".[23]

[22] Appell Civili, deciza 30 ta' April 2009.

[23] Sottolinejar ta' din il-Qorti.

29. Huwa evidenti illi l-atturi ma pprocedewx b'din il-kawza abbazi tal-premessa li huma l-eredi legittimi jew prezunti tad-*decuius*, izda espressament fil-kapacita` taghhom ta' eredi nominanti skont testment minnhom indikat. Dan kien il-binarju specifikatament maghzul minnhom u li fuqu sejsu l-interess taghhom f'din l-azzjoni. Izda l-atturi donnhom jipprovaw issa bl-appell taghhom jarginaw il-kawza originali taghhom f'parametri kemxejn differenti minn kif impostati quddiem il-Qorti tal-ewwel grad. Din il-Qorti tqis illi f'dan il-kaz l-atturi kellhom kull opportunita` u kienu addirittura imsejhin biex jepuraw l-istat ta' eredi minnhom vantat izda minflok ghazlu li ma jaghmlu xejn fir-rigward, u ghalhekk mhuwiex legalment konsentit li f'dan l-istadju, ghall-ewwel darba fir-rikors tal-appell taghhom, jippretendu li jikkapovolgu kompletament il-parametri tal-interess guridiku minnhom stess dikjarat fic-Citazzjoni u jghidu li huma l-eredi legittimi ta' huhom. *Multo magis* meta jirrizulta illi l-unika "prova" li tezisti fl-atti processwali in sostenn ta' dan l-interess guridiku gdid tal-atturi, huwa s-segwenti bran fir-rikors tal-appell taghhom:-

> "… jirrizulta ammess anke mill-konvenuta l l-atturi originali kienu lkoll l-ahwa tad-decuius ... Ghalhekk, jekk ma kien hemm l-ebda testment, il-pozizzjoni fil-ligi hija li l-atturi kienu jkunu l-werrieta ta' Joe Grech u hadd iktar".

30. Din il-Qorti tosserva fir-rigward, illi mkien fl-atti processwali quddiem l-ewwel Qorti ma jirrizulta li l-atturi ghamlu xi allegazzjoni, wisq anqas dikjarazzjoni jew xi prova ohra, li huma l-werrieta legittimi tad-

*decuius* skont ir-regoli tas-successjoni *ab intestato*, ghaliex kien jigi huhom. Anke kieku kellu jigi koncess li l-atturi setghu jibbazaw l-istat taghhom ta' eredi fuq xi dispozizzjoni tal-ligi jew fuq titolu li huwa differenti minn dak dikjarat minnhom fic-Citazzjoni odjerna, minn imkien ma jirrizulta li l-atturi ghamlu dan fil-kors tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti. Infatti, ghandu jinghad illi ma tressqu ebda provi kwalsiasi biex jiddimostraw illi l-atturi jippossjedu l-istat ta' eredi, la testamentarji u lanqas legittimi, ta' Joseph Grech kif del resto talbet il-konvenuta in via d'eccezzjoni.

31. Din il-Qorti tosserva illi mit-tliet atturi originali, cioe` Emily Stivala, Yolanda Cauchi u Dr Humbert Grech, Yolanda Cauchi biss xehdet f'din il-kawza, izda mkien fix-xhieda taghha ma sostniet li hija l-eredi ta' huha, wisq anqas fissret b'liema mod ghandha titqies bhala l-werrieta, legittima jew testamentarja, tieghu. Jinghad ukoll illi anke jekk ghal mument, kellu jigi accettat li l-atturi jistghu jitqiesu bhala werrieta legittimi ta' huhom id-*decuius* skont ir-regola kontenuta fl-Artikolu 812 tal-Kap. 16, xorta wahda l-provi fir-rigward huma kompletament mankanti. Lanqas hemm esebiti r-ricerki testamentarji tad-*decuius* biex talanqas jigi muri li t-testment tat-13 ta' Jannar 1999 (Dok. A) kien <u>l-ahhar testment tieghu u li ma gewx nominati eredi ohrajn</u>.

32. Izda iktar sinjifikanti minn hekk huwa n-nuqqas tal-atturi li juru, jekk verament riedu jitqiesu li huma l-eredi legittimi tad-*decuius*, li

talanqas talbu (jekk mhux addirittura wkoll kisbu) dikjarazzjoni tal-ftuh tas-successjoni tad-*decuius* a favur taghhom skont il-procedura indikata fl-Artikoli 536 et seq. tal-Kap. 12.[24]

33. Li l-atturi huma ahwa tad-*decuius* jirrizulta mill-provi u ma huwiex kontestat. Madanakollu, hemm fatturi ohrajn li, fin-nuqqas ta' provi konkreti u konklussivi, ma jistghux jitqiesu hlief bhala mera ipotesi. Fil-fehma konsidrata ta' din il-Qorti xejn ma jiswa l-fatt li l-atturi huma hut l-istess *decuius* ghaliex ma jfissirx b'daqshekk li huma l-eredi tieghu kif trid il-ligi. Din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti qabilha, ma hijiex sejra taghmel ipotesijiet jew kongetturi u presunzjonijiet li ma gewx sorretti mill-provi. Kif rapportat fis-sentenza taghha tad-29 ta' Mejju 1967, fl-ismijiet **Nobbli Rosario Ferro Attard Montalto vs Nobbli Charles Vella Bonavita et noe**, din il-Qorti qieset "*illi semplici kongetturi ta' probabilita' ma huma qatt bizzejjed biex jiddistingwu dritt cert fuq il-bazi ta' inferenza…*".

34. Din il-Qorti tqis ukoll li wiehed irid jiddistingwi bejn semplici interess u interess guridiku f'kawza, u f'dan il-kaz ma jistax jigi mwarrab il-fatt li l-atturi ntalbu u kienu marbutin li jgibu prova konkludenti dwar l-interess guridiku dirett taghhom biex jipproponu l-azzjoni *qua* eredi tad-

---

[24] Ghall-kompletezza, din il-Qorti zzid illi l-azzjoni biex jintalab *inter alia* wirt, sew fis-successjonijiet testamentarji kemm ukoll f'dawk *ab intestato*, tispicca bl-eghluq ta' ghaxar snin mill-ftuh tas-successjoni. Tosserva wkoll fir-rigward li l-atturi lanqas urew li kienu talbu, tempestivament, il-ftuh tas-successjoni ta' Joseph Grech a favur taghhom. Huwa wisq evidenti, talanqas mill-provi akkwiziti (jew nuqqas taghhom), li llum din il-via ma ghadhiex iktar disponibbli lilhom.

*decuius*, a differenza mis-semplici interess generali taghhom bhala hut id-*decuius*. Dan l-atturi kellhom jaghmluh, fil-fehma ta' din il-Qorti u fl-ahjar ipotesi ghalihom, hekk kif irrizulta li ma kienux l-eredi testamentarji skont it-testment Dok. A, billi juru permezz ta' provi determinanti, ossia bl-ahjar prova disponibbli, li ma kien hemm hadd iktar li wiret lid-*decuius* minflokhom. Fis-sentenza **Ignazio Gatt v. Michael Debono et** intqal in propositu illi: "*kien jehtieg, meta gie ikkuntrastat, li jsiru l-provi dwaru (l-interess) sabiex il-Qorti tiddeciedi, a bazi tal-provi, jekk hiex sodisfatta jew le dwar l-ezistenza ta' dak l-interess…*".[25]

35. Fl-istess vena, intqal ukoll illi:-

> "*Huwa ghalhekk li l-interess irid ikun legittimu u konkret, u mhux bizzejjed li jken eventwali jew astratt - <soltanto un interesse attuale e concreto, e non un interesse contingibile ed eventuale, puo' legittimare la domanda giudiziale> (Giurisp. Cit. Art. 36, para. 961). F'dan is-sens hija wkoll il-gurisprudenza taghna (Kollez. XXXIV-II-453, u XXXVI-1-127)*"'.[26]

36. Ghall-kompletezza din il-Qorti tqis ukoll illi m'hijiex korretta s-sottomissjoni tal-atturi li l-ewwel Qorti "*ssorprendiet lil kulhadd bid-dikjarazzjoni li kien nieqes il-prova tal-interess guridiku*"[27], appuntu ghaliex qatt ma setghet tigi skartata l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta. Lanqas ma ghandha mis-sewwa s-sottomissjoni ulterjuri tal-istess atturi illi kien jinkombi fuq il-konvenuta stess, u mhux fuqhom, li ggib prova ta'

---

[25] Appell Civili deciz 12 ta' Dicembru 1983.

[26] **Dr. V. Tabone et vs Onor. Domenico Mintoff noe et** – Appell Civili, deciz 7 ta' Jannar 1957, citata wkoll

[27] Ara rikors ta' l-appell, a fol. 7.

xi testment tad-*decuius* li bih gew istitwiti terzi bhala eredi ta' Joseph Grech. Ma jista' jkun hemm ebda dubju li l-oneru tal-prova jispetta biss lill-atturi li mexxew b'din il-kawza fuq il-presuppost li huma l-eredi testamentarji ta' Joseph Grech, u lil hadd iktar, anke in omagg ghall-principju *actori incumbit onus probatio*.

37. Mizmum ferm dak kollu fuq rapportat, din il-Qorti tqis li kienet korretta l-ewwel Qorti li tistharreg il-vertenza dwar il-prova tal-interess guridiku tal-atturi fid-dawl tal-eccezzjoni tal-konvenuta, u daqstant korretta kienet il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li tilqa' l-istess eccezzjoni u tiddikjara li hija nieqsa l-prova tal-interess guridiku tal-atturi. Hija wkoll il-fehma konsidrata ta' din il-Qorti illi fin-nuqqas assolut tal-atturi li jipproducu l-prova essenzjali li huma l-eredi tad-decuius Joseph Grech, l-azzjoni taghhom ma tistax tirnexxi.

38. Ghaldaqstant, it-tielet aggravju dwar l-interess guridiku tal-atturi huwa infondat u qed jigi respint.

39. Ferm il-premess, u mehud kont illi [i] l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta, li hija ta' natura perentorja, giet milqugha mill-ewwel Qorti stante li m'hemmx prova tal-interess guridku tal-atturi fl-azzjoni odjerna, u [ii] l-aggravju relattiv tal-atturi qed jigi respint, din il-Qorti tqis m'hemmx lok fic-cirkostanzi li jigi trattat l-appell fil-mertu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddisponi mill-appell tal-atturi billi tichdu in toto, bl-ispejjez ta' dan l-appell ikunu a kariku tal-atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb